**Konferenza Episkopali Maltija**
**Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija**

## Applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex

Applikazzjonijiet ta' applikanti oħra għad-dħul fl-ewwwel sena sekondarja u fl-ewwel sena kindergarten fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex jintlaqgħu minn nhar It-Tnejn, 1 ta' Marzu sat-Tnejn, 8 ta' Marzu 2021. L-applikazzjonijiet isiru onlajn minn https://church.mt/gozoapplications. Aktar dettalji jinstabu fir-Regolamenti tad-Dħul. Għal aktar għajnuna ċempel 7999 0271 mit-8:00am sas-2:00pm tal-istess ġranet. Postijiet vakanti fl-ewwel sena sekondarja baqa' 7 għal bniet u 13 għas-subien u fl-ewwel sena kindergarten baqa' 54.

F'Jannar 2021 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex u fi Frar saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju.

Issa se nagħtu rendikont tal-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju u se nindikaw kemm baqa' postijiet vakanti fl-iskejjel tal-Knisja f' Għawdex. Fuq il-paġna tal-iskejjel tal-Knisja li tinsab f' www.knisja.mt qed nippublikaw id-dettalji tal-applikanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja fil-**Konservatorju tal-Isqof** rċevejna erbgħa u ħamsin (54) applikazzjoni ta' bniet li qed jattendu s-sitt sena f'xi skola tal-Knisja f' Għawdex. Irċevejna wkoll erba' (4) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu l-Konservatorju tal-Isqof, żewġ applikazzjonijiet ta' aħwa li ħuthom jattendu s-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, erba' (4) applikazzjonijiet bis-sapport u applikazzjoni każ soċjali. Dawn iġibu total ta' ħamsa u sittin (65). Dan ifisser li minn total ta' 72 post issa baqa' seba' (7) postijiet vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja fis-**Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù** rċevejna tmienja u erbgħin (48) applikazzjoni ta' subien li qed jattendu s-sitt sena f'xi skola tal-Knisja f' Għawdex, inkluż tmienja minnhom bis-sapport. Irċevejna applikazzjoni ta' tifel li għandu ġenitur jaħdem ma' skola tal-Knisja, erba' (4) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu s-Seminarju, erba' applikazzjonijiet ta' aħwa li ħuthom jattendu l-Konservatorju tal-Isqof u għaxar applikazzjonijiet bis-sapport minn skejjel tal-istat. Is-Seminarju diġa aċċetta tmient itfal bis-sapport għalhekk jista jaċċetta tnejn biss minn dawn l-applikanti bis-sapport. Dawn iġibu total ta' disgħa u ħamsin (59) applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 72 post issa baqa' tlettax (13 ) –il post vakanti.

Din it-tabella tiġbor fiha l-applikanti tal-ewwel kriterju għall-ewwel sena sekondarja.

| **Kriterji** | **1A** | **1B** | **1C** | **1D** | **1E** | **1F** | **1G** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Secondary | 54 | 0 | 4 | 0 | 2 | 4 | 1 | 65 |
| Sacred Heart Seminary | 48 | 1 | 4 | 0 | 4 | 2 | 0 | 59 |

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten fil-**Konservatorju tal-Isqof** rċevejna tlett (3) applikazzjonijiet ta' tfal li għandhom ġenitur jaħdem ma' skola tal-Knisja, tmien (8) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu l-Konservatorju tal-Isqof, tlett applikazzjonijiet li l-ġenitur tagħhom jaħdem mas-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija jew fi skola sekondarja tal-knisja f'Għawdex, tlett (3) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu skola sekondarja tal-Knisja. Dawn iġibu total ta' sbatax (17) - il applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' seba' (7) postijiet vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten ta' **Laura Vicuna**, L-Għasri, rċevejna, ħames (5) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu Laura Vicuna u ħames applikazzjonijiet li joqgħodu l-Għasri. Għal dawn

tal-aħħar għandna biss 3 postijiet għalhekk tittelgħa polza bejniethom. Mela b'kollox għandna total ta' tmien (5+3 =8) applikazzjonijiet. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' sittax (16)-il post vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten f' **St. Theresa** f' Kerċem rċevejna tlett (3) applikazzjonijiet ta' tfal li għandhom ġenitur jaħdem ma' skola tal-Knisja u għaxar (10) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu St. Theresa. Dawn iġibu total ta' tlettax (13) –il applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' ħdax (11) –il posti vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten **St Francis, Victoria** rċevejna żewġ (2) applikazzjonijiet ta' tfal li għandhom ġenitur jaħdem ma' skola tal-Knisja, ħdax (11) –il applikazzjoni li għandhom ħuthom jattendu St Francis Victoria, żewġ (2) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu skola sekondarja tal-Knisja. Dawn iġibu total ta' ħmistax (15) - il applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' disa' (9) postijiet vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten **St Francis, in-Nadur** rċevejna applikazzjoni waħda biss. Għalhekk għad baqa' 11-il post vakant f' St Francis, In-Nadur.

Din it-tabella tiġbor fiha l-applikanti tal-ewwel kriterju għall-ewwel sena kindergarten

| **Kriterji** | **1B** | **1C** | **1D** | **1E** | **1H** | **1I** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Primary | 3 | 8 | 3 | 3 | 0 | 0 | 17 |
| Laura Vicuna | 0 | 5 | 0 | 0 | 3 | 0 | 8 |
| St Theresa | 3 | 10 | 0 | 0 | 0 | 0 | 13 |
| St Francis Victoria | 2 | 11 | 0 | 2 | 0 | 0 | 15 |
| St Francis Nadur | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 |

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **25 ta' Frar 2021**